Mariners are to note the above and proceed with caution and at a slow speed when in the vicinity of the slipway while the refurbishment is being carried out.

Chart affettwata: BA 211

It-8 ta' Ottubru, 2019

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Promotur tar-Riċerka u r-Riżorsi Bilingwi mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus 706/2019

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Promotur tar-Riċerka u r-Riżorsi Bilingwi full-time.

L-applikanti jrid ikollhom, sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa, dawn ir-rekwiżiti:

Grad Universitarju ta' Livell 6 tal-MQF fil-Malti jew fl-Ingliż, fl-Edukazzjoni, fil-Lingwistika jew fit-Traduzzjoni, jew kwalifika ekwivalenti;

Evidenza ta' mill-inqas tliet snin sħaħ esperjenza ta' xogħol preferibbilment f'wieħed minn dawn l-oqsma: l-edukazzjoni, il-lingwistika, it-traduzzjoni, ir-riċerka, u/jew l-istatistika;

Ċertifikati tal-MATSEC (Grad 1-5) jew GCE (Grad A-C) ta' Livell 3 tal-MQF fil-Malti u fl-Ingliż jew kwalifika ekwivalenti;

Ċertifikati ta' Livell 4 tal-MQF fil-Malti u fl-Ingliż (Grad A – Ċ), jew kwalifika ekwivalenti jekk ma jkollhomx kwalifika ta' Livell 6 fiż-żewġ lingwi; U

Ċertifikat tal-ECDL jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli.

L-applikanti jridu juru evidenza dokumentata tal-esperjenza tax-xogħol tagħhom. Se tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li juru evidenza f'xogħol mal-iskejjel u/jew mal-ġenituri/kustodji, u/jew esperjenza fil-kordinazzjoni ta' attivitajiet formali u informali.

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni bil-kwalifiki u l-esperjenza ta' xogħol li għandhom fil-format tal-European Curriculum Vitae u kopja waħda taċ-ċertifikati bil-posta elettronika u Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija, lil (john.b.farrugia@gov.mt) jew bil-posta lis-Sur John Farrugia, is-Segretarju Eżekuttiv, iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304 sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 21 ta' Ottubru, 2019, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq.

Chart affected: BA 211

8th October, 2019

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for a full-time Bilingual Research and Resource Leader within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number 706/2019

The National Literacy Agency is seeking to recruit a full-time Bilingual Research and Resource Leader.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

A recognised degree at MQF Level 6 in Maltese or English, Education, Linguistics or Translation, or equivalent;

3 full years work experience preferably in Education, Linguistics, Translation, Research, and/or Statistics;

O-levels in Maltese and English at MQF Level 3, MATSEC (Grades 1 – 5) or GCE Certificates (Grades A – C), or equivalent;

MQF Level 4 certificates in Maltese and English (Grades A - C), or equivalent unless in possession of a first degree in both languages; AND

An ECDL certificate at MQF Level 4, or a recognised appropriate comparable qualification.

Applicants must present documented evidence of their working experience. Due consideration will be given to applicants who provide evidence of working with schools and/or parents/caregivers, and/or experience in the coordination of formal and/or non-formal initiatives or activities.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid Police Conduct Certificate and their Jobsplus employment history, by email to (john.b.farrugia@gov.mt) or by post to Mr John Farrugia, Executive Secretary, National Curriculum Centre, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304 by not later than Monday, 21st October, 2019, at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above

L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand is-Sur John Farrugia permezz ta' ittra elettronika lil (john.b.farrugia@gov.mt) jew permezz tat-telefown fuq 2598 2997.

It-8 ta' Ottubru, 2019

deadline. Applications will be acknowledged in writing within seven days. Late applications will not be considered. Further information may be obtained from Mr John Farrugia via email at (john.b.farrugia@gov.mt) or on 2598 2997.

8th October, 2019

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Animaturi tal-Qari full-time mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 244/2017

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Animaturi tal-Qari full-time biex jaħdmu fil-programm Seħer l-Istejjer/The Magic of Stories u programmi oħra tal-qari.

Sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa, l-applikanti għandhom jkollhom WAĦDA minn dawn li ġejjin:

Mill-inqas żewġ A-levels jew l-ekwivalenti, preferibbilment fil-Malti u/jew fl-Ingliż jew

MCAST Advanced Diploma in Children's Care, Learning and Development jew BTEC National Diploma in Childcare jew kwalifika ekwivalenti f'MQF Livell 4 jew ogħla jew

Mill-inqas erba' snin esperjenza fil-grad ta' Kindergarten Educator (KGE jew KGE1 jew KGE2) jew għalliema supplimentari fi skola primarja.

Tingħata preferenza lil kandidati li jkollhom B.Ed. (Early Childhood Education and Care) jew ekwivalenti.

L-applikanti kollha għandhom jipprovdu evidenza li huma:
profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża u

huma ta' karattru morali tajjeb.

Applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw Service and Leave Record Form riċenti (GP47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta.

Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest hawn fuq, għandhom Livell Ordinarju (Grad A-C) u/jew Secondary Education Certificate (Grad 1-5), jew ogħla, jew kwalifika komparabbli rikonoxxuta, fil-Malti, Ingliż u fil-Matematika.

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Full-time Reading Animators within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number: 244/2017

The National Literacy Agency, is seeking to recruit Reading Animators to work within the Seħer l-Istejjer/The Magic of Stories programme and other reading programmes.

Applicants must at the closing date of receipt of applications have ONE of the following:

At least two A-levels or equivalent, preferably in either Maltese and/or English or

MCAST Advanced Diploma in Children's Care, Learning and Development or BTEC National Diploma in Childcare or equivalent at MQF Level 4 or higher or

At least four years experience in the grade of Kindergarten Educator (KGE or KGE1 or KGE2) or supply teacher in a primary school.

Preference will be given to candidates who have B.Ed. (Early Childhood Education and Care) or equivalent.

All applicants must provide evidence they are:

proficient in Maltese and English and

of good moral character.

Applicants who are already in the Malta Public Service must produce a recent Service and Leave Record Form (GP47), whilst other applicants must provide a Police Conduct Certificate.

Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated above, are in possession of an Ordinary Level (Grade A-C) and/or Secondary Education Certificate (SEC, Grade 1-5) or higher, or a recognised comparable qualification, in Maltese, English Language and Mathematics.

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (john.b.farrugia@gov.mt) jew bil-posta lis-Sur John Farrugia, is-Segretarju Eżekuttiv, iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304 sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 21 ta' Ottubru, 2019, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti se jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand is-Sur John Farrugia permezz ta' ittra elettronika lil (john.b.farrugia@gov.mt) jew permezz tat-telefown fuq 2598 2997.

It-8 ta' Ottubru, 2019

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid Police Conduct Certificate and their Jobsplus employment history, by email to (john.b.farrugia@gov.mt) or by post to Mr John Farrugia, Executive Secretary, National Curriculum Centre, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304 by not later than Monday, 21st October, 2019, at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged in writing within seven days. Late applications will not be considered. Further information may be obtained from Mr John Farrugia via email at (john.b.farrugia@gov.mt) or on 2598 2997.

8th October, 2019

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Tuturi tal-Kitba mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus 549/2017

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal tuturi tal-kitba part-time.

L-applikanti jrid ikollhom, sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa, dawn ir-rekwiżiti:

Kwalifika universitarja rikonoxxuta ta' għalliem/a, B.Ed ta' Livell 6 tal-MQF jew ogħla, jew Baċellerat tal-Arti ta' Livell 6 tal-MQF u PGCE jew ogħla;

Il-kors Invitational Writing Institute jew Kors dwar il-Proċess tal-Kitba ta' ġimgħa għall-għalliema (25 siegħa), jew ekwivalenti;

Minimu ta' 3 snin esperjenza bħala għalliem/a; U

Ċertifikati fil-Livell Ordinarju fil-Malti u fl-Ingliż ta' Grad 5/C jew ogħla ta' Livell 3 tal-MQF jew ekwivalenti.

Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (john.b.farrugia@gov.mt) jew bil-posta lis-Sur John Farrugia, is-Segretarju Eżekuttiv, iċ-

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Writing Programme Tutors within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number 549/2017

The National Literacy Agency is seeking to recruit part-time Writing Programme Tutors.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

A recognised teaching degree, B. Ed at MQF Level 6 or higher, or a Bachelor of Arts at MQF Level 6 and PGCE, or higher;

Successful completion of the Invitational Writing Institute or the Writing Process One-week Training Course for teachers (25 hours), or equivalent;

A minimum of 3 years teaching experience; AND

O-levels in Maltese and English at MQF Level 3, MATSEC (Grades 1 - 5) or GCE Certificates (Grades A -C), or equivalent.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid Police Conduct Certificate and their Jobsplus employment history, by email to (john.b.farrugia@gov.mt) or by post to Mr John Farrugia, Executive Secretary, National Curriculum Centre, Triq

Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304 sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 21 ta' Ottubru, 2019, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti se jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand is-Sur John Farrugia permezz ta' ittra elettronika lil (john.b.farrugia@gov.mt) jew permezz tat-telefown fuq 2598 2997.

It-8 ta' Ottubru, 2019

Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304 by not later than Monday, 21st October, 2019, at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged in writing within seven days. Late applications will not be considered. Further information may be obtained from Mr John Farrugia via email at (john.b.farrugia@gov.mt) or on 2598 2997.

8th October, 2019

LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM AGENCY (LESA)

Sejħa għall-applikazzjoni: Professional Officer (Systems)

Nru tal-Permess tal-Jobsplus: 744/2019

L-applikanti għandhom ikunu fil-pussess ta' grad rikonoxxut fil-Livell MQF 6 (soġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2003) jew ogħla, fil-qasam tal-kompjuter u/jew fl-ICT, flimkien ma' sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti mal-ICT; jew

Kwalifika rikonoxxuta fil-MQF Livell 5 (soġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2003), fil-qasam tal-kompjuter u/jew fl-ICT, flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti tal-ICT.

Il-kandidati interessati jridu jibagħtu Curriculum Vitae flimkien mar-rikjesti mitluba fuq (hr.lesa@gov.mt) jew jippreżentawhom fil-bini tal-Amministrazzjoni LESA, uffiċċju tar-Riżorsi Umani, 246, Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 11 ta' Ottubru, 2019, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet kollha huma rikonoxxuti u trattati bl-akbar kunfidenzjalità.

It-8 ta' Ottubru, 2019

LOCAL ENFORCEMENT SYSTEM AGENCY (LESA)

Call for application: Professional Officer (Systems)

Ref. Jobplus Permit No: 744/2019

Applicants must be in possession of a recognised degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent with regards to programmes commencing as from October 2003) or higher, in Computing and/or ICT plus one (1) year relevant work experience in a formal and mature ICT environment; or

A recognised qualification at M Q F Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits or equivalent with regards to programmes commencing as from October 2003), in Computing and/or ICT plus three (3) years relevant work experience in a formal and mature ICT environment.

Interested candidates are to submit a Curriculum Vitae together with the requested credentials through (hr.lesa@gov.mt) or present them by hand at LESA Administration building, Human Resources office, 246, Triq Mater Boni Consilii, Fgura, by not later than Friday, 11th October, 2019, at noon.

All applications are acknowledged and treated in the strictest confidence.

8th October, 2019

KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TAL-ILMA

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma flimkien mal-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarrfu illi huwa projbit parkeġġ fuq il-linji sofor temporanji fis-service road fi Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, il-ġurnata kollha sat-30 ta' Jannar, 2020.

It-8 ta' Ottubru, 2019

WATER SERVICES CORPORATION

The Water Services Corporation together with the Birkirkara Local Council notify that the stopping of vehicles on the temporary double yellow lines through the service road in Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara is prohibited all day up to 30th January, 2020.

8th October, 2019

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar il-Ħamis, 10 ta' Ottubru, 2019, mid-9.30 a.m. sal-5.00 p.m. Triq San Ġwann se tkun magħluqa għat-traffiku kollu inkluż għat-trasport pubbliku.

It-8 ta' Ottubru, 2019

KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jgħarraf li nhar is-Sibt, 12 ta' Ottubru, 2019, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, Triq l-Isqof David Cocco Palmeri se tkun magħluqa għat-traffiku.

It-8 ta' Ottubru, 2019

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

Iċ-Chairman Eżekuttiv, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, id-9 ta' Ottubru, 2019, għal:

Avviż Nru. WSC/T/112/2019. Provvista u konsenja ta' Meter Rotary Piston 20mm-190mm għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, l-10 ta' Ottubru, 2019, għal:

Avviż Nru. WSC/T/108/2019. Provvista u konsenja ta' multi-stranded stainless-steel sealing wire għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, l-10 ta' Ottubru, 2019, għal:

Kwot. Nru. WSC/Q/35/2019. Qafas ta' ftehim għall-provvista u konsenja ta' DPD tablets għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, il-11 ta' Ottubru, 2019, għal:

Avviż Nru. WSC/T/106/2019. Provvista, installazzjoni u kkummissjonar tal-ICP-OES fil-laboratorju tal-WSC.

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, it-23 ta' Ottubru, 2019, għal:

Avviż Nru. WSC/T/114/2019. Provvista u konsenja ta' DN150 galvanised iron pipes għal ground water pumping stations għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Thursday, 10th October, 2019, from 9.30 a.m. till 5.00 p.m., Triq San Ġwann will be closed for all traffic including public transport.

8th October, 2019

TA' SANNAT LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic

The Ta' Sannat Local Council notifies that on Saturday, 12th October, 2019, from 4.00 p.m. till midnight, Triq l-Isqof David Cocco Palmeri will be closed to traffic.

8th October, 2019

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders/quotations will be received on the date and time indicated below. Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 9th October, 2019, for:

Advt No. WSC/T/112/2019. Supply and delivery of Meter Rotary Piston 20mm-190mm to the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 10th October, 2019, for:

Advt No. WSC/T/108/2019. Supply and delivery of multi-stranded stainless-steel sealing wire for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 10th October, 2019, for:

Quot. No. WSC/Q/35/2019. Framework agreement for the supply and delivery of DPD tablets for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 11th October, 2019, for:

Advt No. WSC/T/106/2019. Supply, installation and commissioning of an ICP-OES for the WSC laboratory.

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 23rd October, 2019, for:

Advt No. WSC/T/114/2019. Supply and delivery of DN150 galvanised iron pipes for ground water pumping stations of the Water Services Corporation.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, il-25 ta' Ottubru, 2019, għal:

Avviż Nru. WSC/T/115/2019. Provvista, konsenja u installazzjoni ta' telemetry operated MCCS għal Landrijiet cesspits għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, it-30 ta' Ottubru, 2019, għal:

Avviż Nru. WSC/T/113/2019. Provvista, konsenja u installazzjoni ta' telemetry operated MCCS għar-Reġjun tat-Tramuntana għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, il-31 ta' Ottubru, 2019, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/121/2019. Provvista, konsenja u installazzjoni ta'xkaffar, pallet racking u electric stacker għall-maniġġ ta' materjal għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, l-1 ta' Novembru, 2019, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/117/2019. Bażi ta' ftehim għal monitoraġġ ta' awditjar ta' ilma tax-xorb għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

*Avviż Nru.. WSC/T/119/2019. Provvista u konsenja ta' filtration media għall-impjant ta' trattament tal-wastewater tat-Tramuntana għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

*Avviżi li qed jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation eID sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-workshops organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-workshops, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom onlajn. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

It-8 ta' Ottubru, 2019

Up to 9.30 a.m. on Friday, 25th October, 2019 for:

Advt No. WSC/T/115/2019. Supply, delivery and installation of telemetry operated MCCS for Landrijiet cesspits to the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 30th October, 2019, for:

Advt No. WSC/T/113/2019. Supply, delivery and installation of telemetry operated MCCS for North Region for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 31st October, 2019, for:

*Advt No. WSC/T/121/2019. Supply, delivery and installation of shelving, pallet racking and electric stacker for material handling for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 1st November, 2019, for:

*Advt No. WSC/T/117/2019. Framework agreement for audit monitoring of potable water for the Water Services Corporation.

*Advt No. WSC/T/119/2019. Supply and delivery of filtration media for the North wastewater treatment plant for the Water Services Corporation

No participation fee is required.

*Advertisements appearing for the first time

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

8th October, 2019

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 10 ta' Ottubru, 2019.

Avviż Nru. 182. Bejgħ ta' sit sal-għoli tal-ewwel sular fi Triq il-Għajn kantuniera ma' Triq il-Ktajjen, Is-Swieqi kif muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra 'A' fuq il-pjanta P.D. 2019_0112_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond ta' €1,232 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnax-il elf tliet mija u għaxar ewro (€12,310) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 183. Għotja b'ċens temporanju għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena ta' sit fi Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2015_0488. Dan is-sit irid jintuża biss bħala ġnien. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf mitejn u sittin ewro (€1,260) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 184. Din l-offerta qed tiġi rtirata.

Avviż Nru. 185. Kiri minn sena għal sena għal skopijiet agrikoli ta' sit f'Ta' San Pawl tal-Bjar, Ta' Kerċem, Għawdex, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2016_0919. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €4,902 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf sitt mija erbgħa u tletin ewro (€1,634) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 17 ta' Ottubru, 2019.

Avviż Nru. 186. Kiri tale quale tal-ħanut vojt f'Nru. 6, Blokk XIII, Triq Wiġi Rosato, Bormla, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2019_0244. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €18,900 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 10th October, 2019.

Advt No. 182 Sale of a site up to the height of level one at Triq il-Ghajn cornering with Triq il-Ktajjen, Swieqi, shown edged in red and marked Letter 'A' on plan P.D. 2019_0112_A. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €1,232 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twelve thousand three hundred and ten euro (€12,310) will not be considered.

A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Advt No. 183. Grant on a temporary emphyteusis for a period of forty-five (45) years of a site at Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar, as shown edged in red on the plan P.D. 2015_0488. This site is to be used only as a garden. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and two hundred and sixty euro (€1,260) per annum will not be considered.

A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Advt No. 184. This tender has been withdrawn.

Advt No. 185. Lease on a year to year basis for agricultural purposes of a site at Ta' San Pawl tal-Bjar, Ta' Kerċem, Gozo, as shown edged in red on the plan P.D. 2016_0919. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €4,902 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand six hundred and thirty-four euro (€1,634) per annum will not be considered.

A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 17th October, 2019.

Advt No. 186. Lease tale quale of a bare shop at No. 6, Block XIII, Triq Wiġi Rosato, Bormla, shown edged in red on plan P.D. 2019_0244. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €18,900 as stipulated in the tender conditions. Offers below the

ammont ta' sitt elef u tliet mitt ewro (€6,300) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 187. Kiri tale quale ta' sit fi Triq Ħal Safi kantuniera ma' Triq il-Fdal Paleokristjan, Ħal Kirkop, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2019_0332. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €4,770 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf ħames mija u disgħin ewro (€1,590) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 188. Bejgħ tale quale fl-istat li jinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija ta' garaxx mingħajr l-arja tiegħu f'Nru. 2, Triq iċ-Ċipress, San Ġwann, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 135_1981_26_2. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €2,073 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' għoxrin elf seba' mija u tletin ewro (€20,730) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 24 ta' Ottubru, 2019.

Avviż Nru. 189 Bejgħ ta' sit fi Triq Bertha K.Ilg, San Ġiljan, muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2009_777. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond ta' €2,800 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmienja u għoxrin elf ewro (€28,000) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 190 Bejgħ ta' sit għal użu bħala ġnien fuq quddiem tad-dar f'Nru. 33 bl-isem ta' 'Andreanth' Triq id-Daħla ta' San Tumas, Iż-Żejtun, muri bl-aħmar u mmarkat bħala Sit 'A' fuq il-pjanta P.D. 7_80_98. Dan is-sit huwa suġġett għal servitujiet eżistenti a favur ta' proprjetà adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmint elef u tmenin ewro (€8,080) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

amount of six thousand and three hundred euro (€6,300) per annum will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of the tender document.

Advt No. 187. Lease tale quale of a site at Triq Hal Safi cornering with Triq il-Fdal Paleokristjan, Ħal Kirkop, shown edged in red on the plan P.D. 2019_0332. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €4,770 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand five hundred and ninety euro (€1,590) per annum will not be considered.

A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Advt No. 188. Sale tale quale in its present state including any latent defects of a garage without its own airspaceat No. 2, Triq iċ-Ċipress, San Ġwann, as shown edged in red on the plan P.D. 135_1981_26_2. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €2,073 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty thousand seven hundred and thirty euro (€20,730) will not be considered.

A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 24th October, 2019.

Advt No. 189. Sale of a site in Triq Bertha K.Ilg, San Ġiljan, as shown edged in red on plan P.D.2009_777. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €2,800 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty-eight thousand euro (€28,000) will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of the tender document.

Advt No. 190. Sale of a site to be used for gardening purposes in front of the House at No. 33 named 'Andreanth', Triq id-Daħla ta' San Tumas, Żejtun, shown edged in red and marked Site 'A'on the plan P.D. 7_80_98. This site is subject to existing servitudes in favour of adjacent property. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eight thousand and eighty euro (€8,080) will not be considered.

A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Avviż Nru. 191 Bejgħ ta' sit għal użu bħala ġnien fuq quddiem tad-dar f'Nru. 34 bl-isem ta' 'Big Bon' Triq id-Daħla ta' San Tumas, Iż-Żejtun, muri bl-aħmar u mmarkat bħala Sit 'B' fuq il-pjanta P.D. 7_80_98. Dan is-sit huwa suġġett għall-servitujiet eżistenti a favur ta' propjeta adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef ħames mija ħamsa u erbgħin ewro (€4,545) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 192 Bejgħ ta' sit adjaċenti mal-fond f'Nru. 1, 'L-Għanja', Triq il-Maħluġ, kantuniera ma' Triq il-Qoton, In-Naxxar, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2019_0007. Dan is-sit huwa suġġett għal servitujiet eżistenti a favur ta' proprjetà adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħamest elef ħames mija ħamsa u tletin ewro (€5,535) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 193 Għotja b'ċens temporanju għall-perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena tale quale u fl-istat li jinsab fih inkluži xi difetti li jista' jkun hemm moħbija tal-fond f'Nru. 24, Triq San Ġużepp, Tas-Sliema, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2015_0172. L-offeri għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €22,155 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sebat elef tliet mija ħamsa u tmenin ewro (€7,385) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid isir ħlas ta' €100 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra, tista' tinkiseb mill-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m.

It-8 ta' Ottubru, 2019

HERITAGE MALTA

HM28.01.2019 – Espressjoni ta' Interess minn Membri tal-Pubbliku Interessati li Jużaw Art fil-Ġnien tal-Komunità f'Dawret id-Dejr, ir-Rabat

Heritage Malta qed tilqa' talbiet minn membri tal-pubbliku interessati biex jużaw art fil-Ġnien tal-Komunità f'Dawret id-Dejr, ir-Rabat, Malta, fuq bażi ta' tolleranza. L-użu tal-art

Advt No. 191. Sale of a site to be used for gardening purposes in front of the House at No. 34 named 'Big Bon', Triq id-Daħla ta' San Tumas, Żejtun, shown edged in red and marked Site 'B' on the plan P.D. 7_80_98. This site is subject to existing servitudes in favour of adjacent property. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand five hundred and forty-five euro (€4,545) will not be considered.

A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Advt No. 192. Sale of a site adjacent to premises at No. 1, 'L-Għanja', Triq il-Maħluġ, corner with Triq il-Qoton, Naxxar, shown edged in red on plan P.D. 2019_0007. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent property. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of five thousand five hundred and thirty-five euro (€5,535) will not be considered.

A fee of €10 will be charged for each copy of the tender document.

Advt No. 193. Grant on a temporary emphyteusis for a period of forty-five (45) years tale quale in its present state including any latent defects of the premises at No. 24, Triq San Ġużepp, Tas-Sliema, as shown edged in red on the plan P.D. 2015_0172. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €22,155 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seven thousand three hundred and eighty-five euro (€7,385) per annum will not be considered.

A fee of €100 will be charged for each copy of the tender document.

Tenders should only be made on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents, is obtainable from the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m.

8th October, 2019

HERITAGE MALTA

HM28/01/2019 – Expression of Interest among the General Public for the Use of Allotments at Abbatija tad-Dejr Garden, Rabat

Heritage Malta is receiving requests from members of the public interested in using parcels of land in the Community Garden at Dawret id-Dejr, Rabat, Malta, on a tolerance basis.

huwa skont lista ta' regoli mniżżla fuq ftehim li jrid jiġi ffirmat mill-interessati u minn Heritage Malta, u huwa validu għal sena. Dawk interessati jistgħu jitolbu iktar minn plot wieħed. F'każ ta' iktar minn applikazzjoni waħda għall-istess plot/s, se ssir polza biex talloka l-plot/s.

Dawk interessati għandhom jibagħtu ittra elettronika lil (tenders.heritagemalta@gov.mt) sabiex jingħataw kopja tal-ftehim u pjanta annessa. L-espressjonijiet ta' interess għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (tenders.heritagemalta@gov.mt). Kull applikazzjoni għandha tindika n-numru/i tal-plot/s mixtieqa kif ukoll id-dettalji kollha ta' min qiegħed jagħmel it-talba. L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar it-Tnejn, 14 ta' Ottubru, 2019, f'nofsinhar.

It-8 ta' Ottubru, 2019

GOZO CHANNEL (OPERATIONS) LIMITED

Il-kumpanija Gozo Channel (Operations) Limited tgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, l-1 ta' Novembru, 2019, jintlaqgħu sejħiet għal dokumenti tal-offerti magħluqa fl-uffiċċju tal-Gozo Channel (Operations) Limited, The Brokerage, Livell 2, Triq Santa Martha, Ir-Rabat, Għawdex, għal:

Avviż Nru. GCOL C 04/2019. Kiri ta' żoni promozzjonali fuq il-bastimenti tal-Gozo Channel (Operations) Limited.

Avviż Nru. GCOL C 05/2019. Kiri ta' booths fit-Terminal tal-Imġarr

Dawn is-sejħiet għad-dokumenti tal-offerta huma b'xejn u jistgħu jinkisbu mill-indirizz imsemmi hawn fuq jew billi tniżżel id-dokument mis-sit elettroniku tal-kumpanija (www.gozochannel.com).

It-8 ta' Ottubru, 2019

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Kmandant, Forzi Armati ta' Malta, jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Novembru, 2019, fl-Uffiċċju tat-Tenders, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqa għal:

AFM Avviż Nru. 2/19. Bejgħ tale quale u t-tneħħija ta vetturi u tagħmir li huma unserviceable – Forzi Armati ta' Malta

Il-formoli tal-offerti u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tat-Tenders, Forzi Armati ta' Malta, Luqa

The use of this land will need to follow a set of rules listed on an agreement that will be signed by both the interested party and Heritage Malta, and is valid for one year. Interested parties can request more than one plot. In the case of more than one application for the same plot/s, the plot/s will be allocated following a ballot.

Interested parties should send an email to (tenders.heritagemalta@gov.mt) to request a copy of the agreement and an attached plan. Expressions of Interest should be sent by email to (tenders.heritagemalta@gov.mt). Each expression of interest should indicate the number/s of the requested plot/s as well as all the details of the applicant. Applications close on Monday, 14th October, 2019, at noon.

8th October, 2019

GOZO CHANNEL (OPERATIONS) LIMITED

The Gozo Channel (Operations) Limited notifies that:

Sealed call for offer documents will be received at Gozo Channel (Operations) Limited, the Brokerage, Level 2, Triq Santa Martha, Victoria, Gozo, by not later than 10.00 a.m. of Friday, 1st November, 2019, for:

Advt No. GCOL C 04/2019. Leasing of promotional areas on board Gozo Channel (Operations) Limited vessels.

Advt No. GCOL C 05/2019. Leasing of booths within Mġarr Terminal

Call for offers documents are free of charge and copy of call for offers documents can either be collected from the above address or by downloading document from the company's website (www.gozochannel.com).

8th October, 2019

ARMED FORCES OF MALTA

The Commander, Armed Forces of Malta, notifies that:

Sealed tenders will be received by the tenders office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 5th November, 2019, for:

AFM Advt No. 2/19. Sale tale quale and removal of unserviceable vehicles and equipment – Armed Forces of Malta

Forms of tender and further information may be obtained from the Tenders Office, Armed Forces of Malta, Luqa

Barracks, Ħal Luqa, f'kull ġurnata tax-xogħol mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m. jew permezz ta' ittra elettronika lil (tenders.afm@gov.mt).

It-8 ta' Ottubru, 2019

AWTORITÀ TAD-DJAR

Iċ-Chief Executive Officer, Awtorità tad-Djar, jgħarraf illi:

Offerti magħluqin għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru, 2019.

*Avviż Nru. 70/2019. Bejgħ tale quale ta' Car Space Nru. 10, taħt Binja Msierah, Ent A-F, Triq l-Imtarfa, L-Imtarfa. Offerti taħt €8,000 ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 71/2019. Bejgħ tale quale ta' Car Space Nru. 26, taħt Binja Msierah, Ent A-F, Triq l-Imtarfa, L-Imtarfa. Offerti taħt €8,000 ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 72/2019. Kera tale quale ta' Garaxx Nru. 4, taħt Blokki 1-5, Triq ir-Raddiena, Birżebbuġa. Offerti taħt €1,590 fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 73/2019. Kera tale quale ta' Garaxx Nru. 9, taħt Blokki 1-5, Triq ir-Raddiena, Birżebbuġa. Offerti taħt €1,260 fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

*Avviż Nru. 74/2019. Kera tale quale ta' Garaxx Nru. 72, Triq il-Kunċizzjoni, L-Imsida. Offerti taħt €4,605 fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Dan l-avviż huwa suġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut.

*Avviżi li qed jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti tal-offerti huma mingħajr ħlas u jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tad-Djar.

L-Awtorità żżomm id-dritt li tirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-8 ta' Ottubru, 2019

DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI,
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Id-Direttur tal-Informazzjoni jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-22 ta' Ottubru, 2019, f'dan l-Uffiċċju, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Kwot. Nru. DOI 02/2019. Servizzi ta' fotografija għad-Dipartiment tal-Informazzjoni.

Barracks, Ħal Luqa, during any working day from 7.00 a.m. till 4.00 p.m. or by sending an email to (tenders.afm@gov.mt).

8th October, 2019

HOUSING AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Housing Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following adverts have to be deposited in the tender box at the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, by 10.00 a.m. on Friday, 25th October, 2019.

*Advt No. 70/2019. Sale tale quale of Car Space No. 10, underlying Binja Msierah, Ent A-F, Triq l-Imtarfa, Mtarfa. Offers below €8,000 will not be considered.

*Advt No. 71/2019. Sale tale quale of Car Space No. 26, underlying Binja Msierah, Ent A-F, Triq l-Imtarfa, Mtarfa. Offers below €8,000 will not be considered.

*Advt No. 72/2019. Rent tale quale of Garage No. 4, underlying Blocks 1-5, Triq ir-Raddiena, Birżebbuġa. Offers below €1,590 will not be considered.

*Advt No. 73/2019. Rent tale quale of Garage No. 9, underlying Blocks 1-5, Triq ir-Raddiena, Birżebbuġa. Offers below €1,260 will not be considered.

*Advt No. 74/2019. Rent tale quale of Garage No. 72, Triq il-Kuncizzjoni, Msida. Offers below €4,605 will not be considered. This advert is subject to right of first refusal.

*Advertisements appearing for the first time

Tender documents are free of charge, and can be obtained from the Housing Authority's office.

The Housing Authority reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

8th October, 2019

DEPARTMENT OF INFORMATION,
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

The Director of Information notifies that:

Sealed quotations will be received at this Office up to 10.00 a.m. of Tuesday, 22nd October, 2019, for:

Quot. No. DOI 02/2019. Photography Services for the Department of Information.

Kwotazzjonijiet u dokumenti relatati għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti fid-Dipartiment tal-Informazzjoni, Nru. 3, Pjazza Kastilja, Il-Belt Valletta.

Il-kwotazzjonijiet jibqgħu validi għal perjodu minimu ta' 90 ġurnata u għandhom jinkludu t-taxxi kollha minbarra t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Id-Dipartiment tal-Informazzjoni jżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-iżjed offerta vantaġġuża.

Id-dokumenti bid-dettalji u l-formola tal-kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-email (director.doi.opm@gov.mt) jew mill-website: (www.doi.gov.mt).

Il-kwotazzjonijiet magħmulin fuq il-formola pprovduta biss ikunu kkunsidrati.

It-8 ta' Ottubru, 2019

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Sejħa ta' Interess – Servizzi ta' Accounts

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) hija entità pubblika fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. L-FES tiffaċilita l-ħolqa bejn edukazzjoni formali u informali fuq skala nazzjonali permezz ta' inizjattivi edukattivi innovattivi. L-FES għandha baġit ta' madwar €8 miljun fis-sena, bl-akbar spiża tkun dik tal-pagi.

Għanijiet

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) qed toħroġ din is-sejħa ta' interess sabiex issib servizzi ta' accountants u/jew kumpaniji tal-awditjar kwalifikati sabiex iwettqu x-xogħol relatat kif ġej:

Bank postings b'mod regolari;

Bank reconciliations kull xahar;

Accruals u repayment journals;

Pagi u rikonċiljar tal-pagi fuq bażi regolari;

Management accounts kull tliet xhur;

Talba għal tranches kull tliet xhur mill-Ministeru għall-Finanzi;

Preparamenti u sottomissjoni tal-FDRSs;

Assistenza lill-awditur estern f'mistoqsijiet relatati mal-awditjar tas-sena li tiġi fi tmiemha fil-31.12.2019;

Quotations and related documents are to be dropped in the Tender Box at the Department of Information, 3, Castille Place, Valletta.

Quotations shall be valid for a minimum period of 90 days and should be inclusive of all taxes, excluding Value Added Tax.

The Department of Information reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

Specifications and submission forms can be obtained from: (director.doi.opm@gov.mt) or from the website: (www.doi.gov.mt).

Only submissions on the prescribed form will be considered.

8th October, 2019

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

Expression of Interest – Provision of Accounting Services

The Foundation for Educational Services (FES) is a public entity within the Ministry for Education and Employment (MEDE). The FES facilitates the link between formal and informal teaching on a national level by providing a range of innovative educational initiatives. The FES has a turnover of circa €8 million per annum with the major expense being payroll.

Objective and scope

The Foundation for Educational Services (FES) is issuing this expression of interest to seek the services of suitably qualified accountants and/or audit firms to perform accounting work as per below tasks:

To perform regular bank postings;

To perform monthly bank reconciliations;

To pass accrual and prepayment journals;

To pass wages journal and do regular wages reconciliation;

To prepare quarterly management accounts;

To claim quarterly tranches from the Ministry for Finance;

To prepare and submit FDRSs;

To assist with external auditor queries relating to the audit for the year ended 31.12.2019;

Assistenza lill-Maniġer tal-Finanzi u eventwalment lill-Head of Business meta timtela l-pożizzjoni.

Numru ta' sigħat li hemm bżonn

40 siegħa fil-ġimgħa għal sitt xhur (numru totali ta' 960 siegħa)

Min hu interessat huwa mitlub jibgħat id-dokumentazzjoni msemmija hawn taħt:

Company Profile (jekk japplika);

Evidenza ta' esperjenza fAccounts u Payroll.

Il-kwotazzjoni għandha tkopri t-total ta' 960 siegħa bil-VAT eskluż. Ir-rata għal kull siegħa għandha tkun inkluża b'mod ċar.

Is-sottomissjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' eittra elettronika lil (procurement.fes@gov.mt) sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 15 ta' Ottubru, 2019.

It-8 ta' Ottubru, 2019

To support Manager Finance and eventually Head of Business once in place.

Number of hours required and term

40 hours a week for 6 months (total number of hours 960)

Interested parties are kindly asked to send the following documentation:

Company Profile (if applicable);

Evidence of Experience in Accounts and Payroll.

Quote must be supplied covering the total number of 960 hours excl. VAT. Rate per hour to be clearly included.

Quotations are to be submitted via email on (procurement.fes@gov.mt) by not later than Tuesday, 15th October, 2019.

8th October, 2019

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Direttorat għas-Servizzi Edukattivi

Id-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jgħarraf illi offerti magħluqa mmarkati 'SMARSF AC 19 – 20 quotation for the supply and installation of 3 Air Conditioners (1 outdoor and 3 indoor units) to be installed in the Technicians' Room in the Science Wing Hall' jintlaqgħu fil-kaxxa tal-offerti fl-uffiċċju tal-Iskrivana (Science Wing) f' Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru, 2019, għal:

Kwot. Nru. SMARSF AC 19 – 20. Provvista u installazzjoni ta' 3 Air Conditioners (1 ta' barra u 3 units ta' ġewwa) biex jiġu installati fil-Kamra tat-Techicians fis-Sala tas-Science Wing.

Dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru minn Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju – mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 a.m. san-12.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (smarefalo.sixthform@ilearn.edu.mt), attenzjoni s-Sa Colombia Cefai.

Min hu interessat jista' jattendi u jara l-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fid-data u l-ħin stipulati.

It-8 ta' Ottubru, 2019

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Educational Services Directorate

The Directorate for Educational Services, Ministry for Education and Employment notifies that sealed offers, marked 'SMARSF AC 19 – 20 quotation for the supply and installation of 3 Air Conditioners (1 outdoor and 3 indoor units) to be installed in the Technicians' Room in the Science Wing Hall' will be received in the tender box at the Clerks' Office (Science Wing) at Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, by not later than noon of Friday, 25th October, 2019, for:

Quot. No. SMARSF AC 19 – 20. Supply and installation of 3 Air Conditioners (1 outdoor and 3 indoor units) to be installed in the Technicians' Room in the Science Wing Hall

Relevant documents may be collected from Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours – from Monday to Friday between 8.30 a.m. to 12.30 p.m. or by sending an email to (smarefalo.sixthform@ilearn.edu.mt), attention Ms Colombia Cefai

Interested parties may attend and witness the opening and scheduling of the offers received on the appointed date and time.

8th October, 2019

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing u Provvisti) CPSU għall-Ministeru għas-Saħħa jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2019. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 020-0940/19. Sterilization tablets
CFT 020-0941/19. Taurolidine u Heparin based lock solution for CVC lines
CFT 004-0942/19. Xiri ta' pallett stackers li joperaw bil-batterija bi platform tal-operatur inkluż ftehim ta' manutenzjoni għas-CPSU SGS
CFT 020-0943/19. Endomyocardial biopsy forceps
CFT 020-0944/19. Disposable surgical trocars size 5mm without balloon

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-8 ta' Ottubru, 2019

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali Sourcing and Supply Chain Management, Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Talbiet għall-Parteċipazzjoni (RFP) rigward l-avviż li ġej se jintlaqgħu sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Ottubru, 2019. Talbiet għall-Parteċipazzjoni għandhom jiġu milqugħa BISS fil-kaxxa tal-offerti vjola fiż-żona tar-Reception, Uffiċini tas-CPSU, għal:

RFP Nru. RFP019-60052-19. Talba għall-Parteċipazzjoni (negozjata) għall-provvista ta' faċilitajiet għal third party ventilated multi storage facilities għas-Central Procurement and Supplies Unit (MFH)

Dokumenti għall-parteċipazzjoni tas-sejħa ta' hawn fuq jistgħu jitniżżlu minn (https://deputyprimeminister.gov.mt/en/cpsu/Pages/Home.aspx).

It-8 ta' Ottubru, 2019

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing u Supplies) CPSU within the Ministry for Health notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. on Monday, 28th October, 2019. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 020-0940/19. Sterilization tablets
CFT 020-0941/19. Taurolidine and Heparin based lock solution for CVC lines
CFT 004-0942/19. Procurement of battery operated pallet stackers with operator platform including maintenance agreement for CPSU SGS
CFT 020-0943/19. Endomyocardial biopsy forceps
CFT 020-0944/19. Disposable surgical trocars size 5mm without balloon

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

8th October, 2019

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director Sourcing and Supply Chain Management, Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), in the Ministry for Health notifies that:

Requests for Participation (RFP) in respect of the following notice will be received up to 10.00 a.m. on Friday, 18th October, 2019. Requests for Participation are to be submitted ONLY in the purple tender box located at the Reception Area, CPSU Offices, for:

RFP No. 004-60057/19 Request for Participation (Negotiated) for the provision of third party ventilated multi storage facilities for the Central Procurement and Supplies Unit (MFH)

Documents for participation in the above call can be downloaded from (https://deputyprimeminister.gov.mt/en/cpsu/Pages/Home.aspx).

8th October, 2019

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Provvisti, Ministeru għas-Saħħa) jgħarraf illi offerta numru:

CFT 026-0933/19. Provvista u installazzjoni ta' għamara u oġġetti anċillari prodotti minn materjali u proċessi li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent għaċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat, Għawdex.

ġiet imħassra.

It-8 ta' Ottubru, 2019

KUNSILL LOKALI X-XGĦAJRA

Il-Kunsill Lokali x-Xgħajra jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali x-Xgħajra, permezz tal-ePPS, sad-9.30 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Ottubru, 2019, għal:

Provvediment u tħawwil ta' siġar u pjanti fix-Xgħajra, b'metodu li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-8 ta' Ottubru, 2019

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, permezz tal-ePPS, sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru, 2019, għal:

Avviż Nru. SPB T10/2019. Provvediment ta' servizzi ta' trasport għall-passiġġieri għall-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, permezz tal-ePPS, sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2019, għal:

Avviż Nru. SPB T/16/2019. Kiri, installazzjoni, manutenzjoni u żarmar ta' dekorazzjonijiet tal-Milied f'Buġibba – lokalità ta' San Pawl il-Baħar.

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Health) notifies that tender number:

CFT 026-0933/19. Supply and installation of furniture and ancillary items produced with environmentally friendly materials and processes for the Victoria Health Centre.

has been cancelled.

8th October, 2019

XGĦAJRA LOCAL COUNCIL

The Xgħajra Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Xgħajra Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Wednesday, 23rd October, 2019 for:

Provision and planting of trees and plants in Xgħajra using environmentally friendly practices.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

8th October, 2019

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that:

Tenders will be received at the San Pawl il-Baħar Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Friday, 25th October, 2019, for:

Advt No. SPB T10/2019. Provision of passenger transport services for the San Pawl il-Baħar Local Council

Tenders will be received at the San Pawl il-Baħar Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Monday, 28th October, 2019, for:

Advt No. SPB T/16/2019. Hiring, installation, maintenance and dismantling of Christmas decorations in Buġibba – locality of San Pawl il-Baħar.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-e-tenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-8 ta' Ottubru, 2019

KUNSILL LOKALI L-IKLIN

Il-Kunsill Lokali l-Iklin jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali l-Iklin sad-9.30 a.m. ta' nhar il-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2019, għal:

Avviż. Nru. ILC/T/1/2019. Servizz ta ġbir ta' skart domestiku mil-lokalità tal-Iklin, b'użu ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/ imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-8 ta' Ottubru, 2019

Tender documents are free of charge and are to be viewed/ downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

8th October, 2019

IKLIN LOCAL COUNCIL

The Iklin Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Iklin Local Council through ePPS up to 9.30 a.m. on Tuesday, 29th October, 2019, for:

Advt No. ILC/T/1/2019. Service tender for the collection of household waste from the locality of Iklin, using low emission vehicles.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/ downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

8th October, 2019

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1475

ARB/C052/2019 – IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-3 ta' Ottubru, 2019, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr Doreen Clarke, LLD). Kumpilazzjoni numru 551/2019, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Anthony Scerri)

Kontra

JOMIC CALLEJA, jaħsel il-karozzi, ta' 33 sena, bin il-mejjet Alfred u Helen xebba Farrugia, imwieled Tal-Pietà,

ARB/C052/2019 – NEW FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 3rd October, 2019, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Doreen Clarke LLD). Compilation number 551/2019 in the case:

The Police
(Inspector Anthony Scerri)

Versus

JOMIC CALLEJA, car wash attendant, 33 years, son of the late Alfred and Helen née Farrugia, born in Pietà, Malta,

Malta, fit-18 ta' Novembru, 1985, residenti ġewwa 363, Triq l-Imdina, Ħal Qormi, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 565185M.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' JOMIC CALLEJA u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi annwalment l-ammont previst mil-liġi li ma jeċċedix it-tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-akkużat jindika b'nota minn fejn se jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 4 ta' Ottubru, 2019

ID-DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

F'isem ir-Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due to or pertaining or belonging to JOMIC CALLEJA and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property and this according to Section 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, and Section 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORIZED the said accused to receive the amount authorized by law that does not exceed thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where they are perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Section 22A and Section 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any immovable property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 4th October, 2019

THE DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

On behalf of the Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

1476

ARB/C053/2019 – IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-3 ta' Ottubru, 2019, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr Doreen Clarke, LLD). Kumpilazzjoni numru 552/2019, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Anthony Scerri)

Kontra

MARZIA MARIMAR MAATOUK, ta' 19 il-sena, bint Khaled Mohamed Ibrahim Maatouk u Maria Teresa Zammit, imwielda Tal-Pietà, Malta, fit-3 ta' April, 2000, residenti

ARB/C053/2019 – NEW FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 3rd October, 2019, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Doreen Clarke, LLD). Compilation number 552/2019 in the case:

The Police
(Inspector Anthony Scerri)

Versus

MARZIA MARIMAR MAATOUK, 19 years, daughter of Khaled Mohamed Ibrahim Maatouk and Maria Teresa Zammit, born in Tal-Pietà, Malta, on the 3rd April, 2000,

ġewwa 363, Triq l-Imdina, Ħal Qormi, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 174000L.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' MARZIA MARIMAR MAATOUK u pprojbietha milli tittrasferixxi, tagħti b'rahan, tipoteka jew xort'oħra tiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata li tirċievi annwalment l-ammont previst mil-liġi li ma jeċċedix it-tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-akkużata tindika b'nota minn fejn se tipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 4 ta' Ottubru, 2019

ID-DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI
F'isem ir-Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due to or pertaining or belonging to MARZIA MARIMAR MAATOUK and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property and this according to Section 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, and Section 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORIZED the said accused to receive the amount authorized by law that does not exceed thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where they are perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Section 22A and Section 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any immovable property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 4th October, 2019

THE DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

On behalf of the Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

1477

ARB/C054/2019 – IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-3 ta' Ottubru, 2019, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr Caroline Farrugia Frendo LLD). Kumpilazzjoni numru 145/2019, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Anna Maria Xuereb)

Kontra

PATRICK CALLEJA, li jaħdem għal rasu, ta' 52 sena, bin Carmelo u Carmela xebba Delceppo, imwieled Tal-Pietà, Malta fl-4 ta' Awwissu, 1967, residenti ġewwa 64,

ARB/C054/2019 – NEW FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 3rd October, 2019, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Caroline Farrugia Frendo LLD). Compilation Number 145/2019 in the case:

The Police
(Inspector Anna Marie Xuereb)

Versus

PATRICK CALLEJA, self-employed, 52 years, son of Carmelo and Carmela née Delceppo, born in Tal-Pietà, Malta on the 4th August, 1967, residing at 64, Obsession,

Obsession, Triq il-Fortizza, Pembroke u detentur ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 315067M.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' PATRICK CALLEJA u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli sal-limitu ta' wieħed u tletin elf, mitejn u sebgħa u tletin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€31,273.81) ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att Kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A (2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 23A (2) tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 7 ta' Ottubru, 2019

ID-DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

F'isem ir-Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due to or pertaining or belonging to PATRICK CALLEJA and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property up to a limit of thirty-one thousand, two hundred and seventy three euro and eighty-one cents (€31,273.81) and this according to Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Chapter 373 of the Laws of Malta and of Section 23A (2) of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 5 and Section 23A (2) referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any immovable property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 7th October, 2019

THE DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

On behalf of the Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

1478

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fit-18 ta' Settembru, 2019, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C 2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 5 ta' Diċembru, 2019, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

L-appartament internament immarkat bin-numru ħamsa (5), fl-ewwel sular, formanti parti minn blokka ta' appartamenti bin-numru ħamsa u erbgħin (45) bl-isem "Arca" fi Triq is-Sibbien, Marsaskala, kif ukoll kamra li ġġib in-numru ħamsa (5) użata bħala washroom fl-istess imsemmija blokka u inkluż parti mill-bejt, ukoll immarkata bin-numru ħamsa (5) fl-istess blokka, liberu u battal, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu inkluż il-partijiet komuni, entrata, lift, taraġ tromba tat-taraġ, indani, komunikazzjoni tad-dranaġġ, drains u suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' ħdax-il ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65). L-imsemmi blokk huwa mibni fuq plots numri ħdax (11) u

By decree given by the Civil Court, First Hall on 18th September, 2019, on the application of Bank of Valletta plc (C 2833), Thursday, 5th December, 2019, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the Sale by Auction to be held in the room number 78, near the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

Apartment internally numbered five (5), on the first floor, forming part of a block of apartments numbered forty-five (45), named "Arca" in Triq is-Sibbien, Marsasckla, as well as a room numbered five (5) used as a washroom in the same block and including part of the roof, also numbered five (5) in the said block, free and unencumbered with all its rights and appurtenances including common parts, hall, lift, stairs, stairwell, landings, connection of drainage, drains and subject to the annual and perpetual ground rent of eleven euro and sixty-five cents (€11.65). The said block are built on plots numbers eleven (11) and twelve (12) in territory known as 'Tal-Ħamrija", and which block is bounded on

tnax (12) f'territorju magħruf bħala 'Tal-Ħamrija' u liema blokk jikkonfina mit-Tramuntana ma' Triq is-Sibbien, min-Nofsinhar ma' Triq Ġdida fi Triq il-Qaliet u mill-Punent ma' plot ieħor proprjetà ta' Quel Bon Couer Limited u stmat li jiswa sittin elf ewro (€60,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Magri Mario (KI 243365M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 32/12.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 2 ta' Ottubru, 2019

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the North by Triq is-Sibbien, on the South by Triq Ġdida in Triq il-Qaliet and West by another plot of Quel Bon Couer Limited and valued at sixty thousand euro (€60,000).

The said tenement is the property of Magri Mario (ID 243365M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 32/12.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 2nd October, 2019

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1479

Avviż mir-Reġistru tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Fiona Giambra (KI 17319A) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 824/2019/JVC) fejn ġiet mitluba r-reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, 1 ta' Ottubru, 2019

JOSETTE DEMICOLI
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Fiona Giambra (ID 17319A) filed an application under oath (No. 824/2019/JVC) demanding the registration of the Act of Birth in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, today, 1st October, 2019

JOSETTE DEMICOLI
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1480

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 2019, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2623/19, fl-ismijiet Mark Anthony Ellul Sullivan vs Karsten Kusch et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lill-intimat Poul Erik Damkjaer a tenur tal-Artikolu 2130(2) tal-Kap. 16.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 12 ta' Lulju, 2019

By means of a decree of the 2nd October, 2019, in the records of the judicial letter number 2623/19 in the names Mark Anthony Ellul Sullivan vs Karsten Kusch et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Poul Erik Damkjaer in terms of Article 2130(2) of Cap. 16.

In the First Hall of the Civil Court

Today, 12th July, 2019

Lil: Karsten Kusch (passaport Daniż bin-numru 205517755), 114 Ayia Sofia, 7104 Aradippou, Repubblika ta' Ċipru

Poul Erik Damkjaer (passaport Daniż bin-numru 202398387), Risager 52, 6100 Haderslev, id-Danimarka

Bil-preżenti l-mittenti Mark Anthony Ellul Sullivan, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 171372M, ta' 48, Triq Santa Katerina, Il-Gudja, u Charles Ellul Sullivan, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 54142M, ta' Navillus, Triq l-Imdina, Ħal Qormi, jirreferukom għas-somom dovuti mill-kumpanija Robert Damkjaer (Malta) Limited (C 30652) lid-Dipartment tat-Taxxi Interni u b'mod partikolari għal dawk is-somom dovuti għas-snin li fihom intom kontu tokkupaw il-kariga ta' diretturi fl-istess kumpanija flimkien mal-mittenti.

Il-mittenti jgħarrfukom illi riċentement huma ġew kostretti illi jagħmlu tajjeb għal tali somom personalment, u dan inkluż għas-snin illi intom kontu wkoll diretturi tal-imsemmija kumpanija. Għaldaqstant il-mittenti qegħdin preżentement jinterpellawkom sabiex fi żmien ħmistax il-ġurnata mil-lum tersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tas-somom dovuti minnkom fir-rispett ta' dak hawn fuq imsemmi, bl-imgħaxijiet relattivi. F'każ illi intom tonqsu milli tagħmlu dan, il-mittenti ma jibqgħalhom l-ebda għażla ħlief illi jiproċedu kontrikom ġudizzjarjament.

Tant biex tagħrfu timxu u tirregolaw rwieħkom.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Ottubru, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

To: Karsten Kusch (Danish passport number 205517755), 114 Ayia Sofia, 7104 Aradippou, Republic of Cyprus

Poul Erik Damkjaer (Danish passport number 202398387), Risager 52, 6100 Haderslev, Denmark

By this present letter, the senders Mark Anthony Ellul Sullivan, holder of identity card number 171372M, of 48, Triq Santa Katerina, Gudja and Charles Ellul Sullivan, holder of identity card number 54142M of Navillus, Triq l-Imdina, Ħal Qormi refer you to the amounts due by the company Robert Damkjaer (Malta) Limited (C 30652) to the Department of Inland Revenue and, in particular, to those sums due for the years throughout which you occupied the position of directors in the same company together with the senders.

The senders inform you that recently they were constrained to make good for such amounts personally, and this including for the amounts relative to the years during which you were also directors of the same company. Therefore, the senders are presently calling upon you to come forward, within fifteen days from today, for the liquidation and payment of the amounts due by yourselves with respect to the above-mentioned matter, together with the relative interests. In default, the senders will have no option but to proceed against you judicially.

So much for your better guidance.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 7th October, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1481

B'sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-16 ta' Lulju, 2019, f'Rikors numru 465/2018LSO fl-ismijiet Gifford Judith (KI 789146M) vs Perkins Michael (KI 526342M) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 10 ta' Diċembru, 2019, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond bl-isem 'Villino Verde' ġewwa Triq Valletta, Il-Mosta, bl-arja tiegħu, sovrastanti proprjetà ta' terzi, li jinkludi garaxx fl-ewwel sular (ground floor) kif ukoll l-entrata li twassal għall-bieb prinċipali tal-villa li tinsab fit-tieni sular (first floor), soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €40.18, konfinanti mit-Tramuntana ma' Triq Valletta, Lvant ma' proprjetà ta' Carmelo Petroni jew aventi kawża,

By judgement given by the Civil Court, First Hall on the 16th July, 2019, by the application number 465/2018LSO in the names of Gifford Judith (ID 789146M) vs Perkins Michael (ID 526342M), Tuesday, 10th December, 2019. at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction to be held in Room Number 78, near the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

The premises named 'Villino Verde' situated in Triq Valletta, Mosta, with its own airspace, overlaying third party property, including garage in the ground floor level as well as an landing leading to the main door of the villa which is situated on the first floor, subject to annual and perpetual ground rent of €40.18, bounded on the North by Triq Valletta, to the East by property of Carmelo Petroni or his

u nofsinhar ma' proprjetà tal-aventi kawża ta' Victor Drago, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, abbażi tal-istima erba' mitt elf ewro (€400,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Gifford Judith (KI 789146M) u Perkins Michael (KI 526342M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 42/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 4 ta' Ottubru, 2019

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

successors in title, to the South by property of successors in title of Victor Drago, with all its rights and enjoyments, as per estimation of four hundred thousand euro (€400,000).

The said tenement is the property of Gifford Judith (ID 789146M) and Perkins Michael (ID526342M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 42/2019.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 4th October, 2019

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1482

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-18 ta' Settembru, 2019, fuq rikors ta' Barclays Bank plc (C 26167) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 3 ta' Diċembru, 2019, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

That if ever in the worst hypothesis and without prejudice to the above any request for the payment of maintenance

kamp ċivili hija wkoll soġġetta għal preskrizzjoni at termini tal-Artikolu 2156 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u kull kalkolu f'dan ir-rigward irid jiġi limitat f'dan is-sens.

Għaldaqstant l-esponent jitlob reverentement illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza fl-ismijiet premess tas-27 ta' Ġunju, 2019, billi tiġi varjata dik il-parti tas-sentenza fejn ġiet milqugħa l-ħames talba u dik il-parti tas-sentenza li fiha saru l-assenjazzjonijiet surreferiti konsegwentement tipprovdi għal-assenjazzjonijiet aktar ġusti in linea mal-valuri attwali tal-proprjetajiet u tikkonfermna l-bqija tas-sentenza.

Notifika: Giulia Anna Farrugia, Nru. 268, Pardo, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, Malta

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 4 ta' Ottubru, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

in the civil camp is also subject to prescription in terms of Article 2156 (b) of Cap. 16 of the Laws of Malta and any calculation in this regard has to be limited in this sense.

Thus the interpellant reverently prays that this Honourable Court vary the judgement in the names premised of the 27th June 2019, varying that part of the judgement where the fifth demand was upheld and that part of the judgement whereby the assignments above mentioned were made and consequently provide more just assignments in line with the actual values of the properties and confirm the rest of the judgement.

Notify: Giulia Anna Farrugia, No. 268, Pardo, Triq Frans Sammut, Ħaż-Żebbuġ, Malta

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 4th October, 2019

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1501

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-12 ta' Settembru, 2019, fuq talba tal-Avukat Dr Luigi A Sansone bħala mandatarju speċjali ta' Braun GmbH ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Yanqi Import and Export Trade Co Limited u Eurl Zahrat El Nardjes Imp Exp, fl-atti tar-Rikors ġuramentat numru 858/2019 MCH, fl-ismijiet Avukat Dr Luigi A. Sansone noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avukat Dr Luigi A. Sansone LLB (Hons) LLD (KI 258269 M) bħala mandatarju speċjali ta' Braun GmbH, soċjetà estera inkorporata taħt il-liġijiet tal-Ġermanja u b'indirizz ta' Frankfurter Str 145, D-61476, Kronberg im Taunus, il-Ġermanja vs kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil (1) Yanqi Import and Export Trade Co Limited entità estera b'indikazzjoni ta' indirizz mhux magħruf fid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat promotur, u (2) Eurl Zahrat El Nardjes Imp Exp entità estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' Lotissement 419, Lots N4, Eleulma. Setif Algerie u b'indikazzjoni ta' numru ta' identifikazzjoni fiksali Alġerina (NIF) ta' 00159009160958 fid-9 ta' Settembru, 2019, ir-rikorrenti Avukat Dr Luigi A. Sansone LLB (Hons) LLD (KI 258269M) bħala mandatarju speċjali ta' Braun GmbH soċjetà estera inkorporata taħt il-liġijiet tal-Ġermanja u b'indirizz ta' Frankfurter Str, 145, D-61476, Kronberg in Taunus, il-Ġermanja talab lil din l-Onorabbli Qorti:

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 12th September, 2019, following a request of Advocate Doctor Luigi A Sansone as special mandatory of Braun GmbH it was ordered that deputy curators be chosen to represent Yanqi Import and Export Trade Co Limited and Eurl Zahrat El Nardjes Imp Exp, in the records of the Sworn Application 858/2019 MCH, in the names Advocate Dr Luigi A. Sansone noe vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court First Hall in the names Advocate Doctor Luigi A. Sansone LLB (Hons) LLD (ID 258269 M) as special mandatory of Braun GmbH, a foreign company organised under the German laws with address of Frankfurter Str. 145, D-61476, Kronberg im Taunus, Germany vs deputy curators to represent 1) Yanqi Import and Export Trade Co Limited a foreign company without any indication of the address till the date of the filing of the sworn application and (2) Eurl Zahrat El Nardjes Imp Exp, a foreign company with indication of address of Lotissement 419 Lots N 4, Eleulma. Setif Algerie and with indication of identification Algerian fiscal number (NIF) of 00159009160958 on the 9th September, 2019, the applicant Advocate Doctor Luigi A Sansone LLB (Hons) LLD (ID 258269M) as special mandatory of Braun GmbH, a foreign company organised under the German laws with address of of Frankfurter Str. 145, D-61476, Kronberg im Taunus, Germany, asked this Honourable Court:

1. Tiddikjara li d-dħul mingħajr rilaxx għal ċirkolazzjoni libera f'Malta fil-kors tal-kummerċ bejn il-konvenuti fi kwantità ta' prodotti ta' elettrici (ġewwa materjal tal-imballaġġ) dwar sbuħija u trattamenti tax-xagħar (hair straighteneres) li kollha għandhom fuqhom trademarks identiċi għal jew li ma jistgħux jintgħarfu fl-aspetti essenzjali tagħhom minn dawk tas-soċjetà attriċi debitament irreġistrati dwar l-istess prodotti bħala trademarks tal-UE bin-numri 000394189, 000394122 u 007393382 kif ukoll bħala trademarks ta' Malta bin-numri 14763, 24238, 24239 u 24240, liema oġġetti kollha jinsabu preżentement miżmuma taħt l-Awtorità tad-Direttur Ġenerali (Dwana) wara li huwa kien sab li l-container CMAU7218200 kien jikkontjenihom jikkontravvjeni d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi fir-rigward ta' dawn l-istess trademarks tal-UE bin-numri 000394189, 000394122 u 007393382 kif ukoll tat-trademarks ta' Malta bin-numri 14763, 24238, 24239 u 24240 rispettivament;

1. To declare that the entry without free release for circulation in Malta in the course of business between the defendants of a quantity of electrical products (in packaging material) regarding beauty and hair treatment (hair straighteners) which all of them have identical trademarks to or which cannot be distinguished in their essential aspects from those of the plaintiff company and duly registered regarding the same prodocuts as UE trademarks with numbers 000394189, 000394122 and 007393382 and also as trademarks registered in Malta with numbers 7476 and 13955 regarding the same products besides those, on a number amongst these same products, identitcal trademarks for, or that cannot be distinguished in their essential aspects from those of the plaintiff company and registred in Malta as trademark with numbers 14763, 24238, 24239 and 24240, which objects are all presently held under the authority of the Director General (Customs) after he found that the container CMAU 7218200 which contained them contravene the rights of intellectual property of the plaintiff company as regards the same registered UE trade marks with numbers 000394189, 000394122 and 007393382 and also Malta registered trademarks with numbers 14763, 24238, 24239 and 24240 respectively.

2. Tiddikjara li l-istess oġġetti u ċjoè l-kwantità ta' prodotti elettriċi (ġewwa materjal tal-imballaġġ) dwar sbuħija u trattament tax-xagħar (hair straighteners) li kollha għandhom fuqhom trademarks identiċi ghal jew li ma jistgħux jintgħarfu fl-aspetti essenzjali tagħhom minn dawk tas-soċjetà attriċi debitament irreġistrati dwar l-istess prodotti bħala trademarks tal-UE bin-numri numri 000394189, 000394122 u 007393382 kif ukoll bħala trademarks ta' Malta bin-numri 14763, 24238, 24239 u 24240 huma oġġetti falsifikati;

2. Declare that the same objects and namely a quantity of electrical prodocuts (in packaging material) regarding beauty and hair treatment (hair straighteners) which have on them identical trademarks to or which cannot be distinguished in their essential aspects from those of the plaintiff company duly registered regarding the same products as UE trademarks numbers 000394189, 000394122 and 007393382 and also Malta registered trademarks with numbers 14763, 24238, 24239 and 24240 are falsified objects;

3. Tordna lid-Direttur Ġenerali (Dwana) li jiddistruġġi dawk l-oġġetti fi żmien qassir u perentorju mingħajr ebda kumpens lill-konvenuti u a spejjeż tagħhom;

3. Order the Director General (Customs) to destroy those objects within a short and peremptory period without any compensation to the defendants and at their expense;

4. Tieħu jew tordna lid-Direttur Ġenerali (Dwana) li jieħu dwar dawk l-oġġetti kull miżura oħra li biha huma jitneħħew definitttivament miċ-ċirkolazzjoni fis-sistemi eżistenti tal-kummerċ u l-konvenuti jiġu mċaħħda mill-benefiċċji ekonomiċi tat-tranżazzjoni;

4. Take or order the Director General (Customs) to take as regards those objects any other measure in virtue of which they be removed definitely from circulation in the existing systems of commerce and the defendant be deprived from the economic benefits of the transaction;

5. Tordna li l-konvenuti għandhom ibatu l-ispejjeż l-oħra kollha konnessi ma' din il-kawża inklużi l-ispejjeż inkonnessjoni mal-miżuri ordnati ai termini tat-tielet u tar-raba' talbiet attriċi fosthom dawk tal-identifikazzjoni u tal-għadd tal-imsemmija oġġetti tat-trasport tagħhom għal-lok tal-ħażna, tal-ħażna stess, tat-trasport tagħhom mil-lok tal-ħażna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni tal-attendenza waqt id-distruzzjoni u tat-tneħħija tal-iskart iġġenerat mill-istess distruzzjoni.

5. Order that the defendants are to bear all the other costs in connection with this lawsuit including the costs in connection with the measures ordered in terms of the third and fourth demands of the plaintiffs amongst which those of identification and numbering of the said objects of their transport from the place of storage, the same storage, the transport from the place of storage to their eventual distruction, to the attendence of the distruction and to the removal of the waste generated from the same distruction.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inġunti in subizzjoni tagħhom

With costs against the defendants summoned so that a reference to their evidence be made

Rikorrent noe: Avukat Dr Luigi A. Sansone LLB (Hons) LLD (KI 258269 M) bħala mandatarju speċjali ta' Braun GmbH, soċjetà estera inkorporata taħt il-liġijiet tal-Ġermanja u b'indirizz ta' Frankfurter Str, 145, D-61476, Kronberg in Taunus, il-Ġermanja - 84-85, Triq Melita, Il-Belt Valletta VLT 1120

Notifiki tal-Konvenuti:

Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil (1) Yanqi Import and Export Trade Co Limited, entità estera b'indikazzjoni ta' indirizz mhux magħruf fid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat promotur, u (2) Eurl Zahrat el Nardjes Imp Exp, entità estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' Lotissement 419 Lots N 4, Eleulma. Setif, Algerie u b'indikazzjoni ta' numru ta' identifikazzjoni fiskali Alġerin (NIF) ta' 00519009160958

Il-Qorti, Il-Belt Valletta (żewġ kopji)

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Anthony Ellul LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 12 ta' Settembru, 2019

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Ottubru, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Applicant noe: Advocate Doctor Luigi A. Sansone LLB (Hons) LLD (ID 258269M) as special mandatary of Braun GmbH, foreign company organised under the German laws with address Frankfurter Str. 145, D-61476, Kronberg im Taunus, Germany - 84-85, Triq Melita, Valletta VLT 1120

Notify the Defendants:

Deputy Curators to represent (1) Yanqi Import and Export Trade Co Limited, foreign company with unknown indication of address till the date of the filing of the sworn application, and (2) Eurl Zahrat el Nardjes Imp Exp, foreign company with indiciation of address Lotissement 419 Lots N 4, Eleulma. Setif, Algerie and with indication of Algerian fiscal identification (NIF) number (NIF) of 00519009160958

Courts of Justice, Valletta (two copies)

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in th execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Anthony Ellul LLD, Doctor of Laws.

Today 12th September, 2019

Registry of the Superior Courts, today 4th October, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1502

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ġunju, 2019, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Dr Michelle Tabone noe et vs Carlo sive Charles Fenech, Rikors Nru 89/2019JD, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Carlo sive Charles Fenech a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ġuramentat bin-numru 89/2019JD fl-ismijiet Dr Michelle Tabone (KI 138371M) fil-kwalità tagħha ta' Ekonomu tal-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur

By means of a decree of the 12th June, 2019, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Doctor Michelle Tabone noe et vs Carlo sive Charles Fenech, Application Number 89/2019JD, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Carlo sive Charles Fenech in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application bearing number 89/2019JD in the names Doctor Michelle Tabone (ID 138371M) in her capacity as Bursar of his Excellency Monsignor Charles

Charles J Scicluna, Arċisqof ta' Malta, Amministratur tal-Entijiet Ekkleżjastiċi Djoċesani kollha f'Malta għan-nom u fl-interess taċ-Children's Home Commission u Simone de Brincat (KI 550452M) vs Carlo sive Charles Fenech (KI 536263M), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-24 ta' April, 2019, ir-rikorrenti Dr Michelle Tabone (KI 138371M) fil-kwalità tagħha ta' Ekonomu tal-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Charles J Scicluna, Arċisqof ta' Malta, Amministratur tal-Entijiet Ekkleżjastiċi Djoċesani kollha f'Malta għan-nom u fl-interess tal-Enti Ekkleżjastiku Ejjew Għandi – qabel magħrufa bħala Children's Home Commission, u Simone de Brincat (KI 550452M) esponew bir-rispett u Dr Michelle Tabone (KI 138371M) nomine tikkonferma bil-ġurament:

Illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-flat numru ħamsa (5) li jifforma parti mill-blokk numru 882, li jinsab ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, Il-Ħamrun;

Illi dan il-fond ilu jinkera lill-intimat Carlo sive Charles Fenech għal diversi snin;

Illi l-istess intimat ikkawża ħafna ħsara fil-flat lilu mikri u dan partikolarment iżda mhux esklussivament meta ħalla s-saqaf tal-istess fond jaqa' fi stat perikolanti minħabba nuqqas ta' manutenzjoni ordinarja u peress illi huwa poġġa anke materjal ta' kostruzzjoni fuq il-bejt (vide Dok. RG u Dok. RG2);

Illi minkejja l-fatt illi l-intimat ġie interpellat diversi drabi sabiex ineħħi tali materjal minn fuq l-istess bejt, anke permezz tal-ittra uffiċjali numru 3545/2015 (Dok. A) ippreżentata fit-22 ta' Ottubru, 2015, u permezz tal-ittra uffiċjali numru 2986/2016 (Dok. B) ippreżentata fit-12 ta' Settembru, 2016, baqa' inadempjenti;

Illi a kawża tal-vjolazzjonijiet fuq imsemmija min-naħa tal-intimat, l-atturi interpellaw lill-intimat sabiex jiżgombra mill-fond hawn fuq imsemmi permezz tal-ittra uffiċjali numru 1372/2018 (Dok. C) ippreżentata fit-23 ta' April, 2018, iżda l-intimat baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Illi l-atturi jafu bil-fatti hawn fuq imsemmija personalment;

Illi fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet xi jressqu f'din il-kawża li għalhekk tista' tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-artikolu 16A et sequitur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid l-intimat għaliex m'għandux dan il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti li qegħdin hawn jitolbu li dan il-Bord jogħġbu:

J Scicluna, Archishop of Malta, Administrator of all the Ecclesiatical Diocesan Entities of Malta for and on behalf of the Ecclesiastical Entity Ejjew Għandi formerly known as Children's Home Commission and Simone de Brincat (ID 550452M) vs Carlo sive Charles Fenech (ID 536263M), filed before the Rent Regulation Board on the 24th April, 2019, the applicants Doctor Michelle Tabonoe (ID 138371M) in her capacity as Bursar of his Excellency Monsignor Charles J Scicluna, Archishop of Malta, Administrator of all the Ecclesiatical Diocesan Entities of Malta for and on behalf of the Ecclesiastical Entity Ejjew Għandi formerly known as Children's Home Commission and Simone de Brincat (ID 550452M) requested with respect and Doctor Michelle Tabone (ID 138371M) nomine confirmed on oath:

That the applicants are the owners of the premises Flat 5 forming part of Block 882, that is found in Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun;

That the premises has been leased to the respondent Carlo sive Charles Fenech for many years;

That the same respondent caused several damages in the flat leased to him and this particularly and not esclusively since he allowed the ceiling of the same premises to deteriorate to a dangerous state because of lack of ordinary maintanance and because he placed construction material on the roof (see Doc. RG and Doc. RG2);

Although the respondent was solicited several times to remove the material from the roof, even by judicial letter number 3545/2015 (Doc. A) filed on the 22nd October, 2015, and by means of judicial letter number 2986/2016 (Doc. B) filed on the 12th September, 2016, he remianed in default;

As a result of the breaches mentioned above on the part of the respondent, the applicants solicited the respondent to vacate from the premises above mentioned by means of a judicial letter number 1372/2018 (Doc. C) filed on the 23rd April, 2018, but he remained in default and this law suit had to be filed;

The applicants are aware of these facts personally;

In the applicant's view, the respondent has no defences to bring in these proceedings and hence the proceedings can be decided without proceeding to trial in terms of article 16A et sequitur of Cap. 69 of the Laws of Malta.

Thus, after the necessary declarations are made and the opportune provisions given, the respondent is to state why this Board should not accept the applicant's requests and namely:

1. Jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-artikolu 16A et sequitur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jittermina u jiddikajra xolta l-kirja tal-flat numru 5 li jifforma parti mill-blokk numru 882, li jinsab ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, Il-Ħamrun a kawża ta' nuqqas ta' manutenzjoni u ħafna ħsara lill-istess proprjetà;

3. Jordna u jikkundanna lill-intimat Carlo sive Charles Fenech jiżgombra mill-imsemmi flat numru 5 li jifforma parti mill-blokk numru 882, li jinsab ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, Il-Ħamrun u jħallih liberu u battal favur ir-rikorrenti fi żmien qasir u perentorju li dan l-Onorabbli Bord jogħġbu jiffissa.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittri uffiċjali numru 3545/2015 (Dok. A), numru 2986/2016 (Dok. B) u numru 1372/2018 (Dok. C) bir-riserva għal kwalsjasi azzjoni spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimat Carlo sive Charles Fenech li huwa inġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni. Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża.

Rikorrenti:

Dr Michelle Tabone noe, Kurja Arċiveskovili, Il-Furjana

Simone de Brincat, 35, Triq San Ġwann Battista, San Pawl il-Baħar

Intimat: Carlo sive Charles Fenech, 882, Flat 5, Triq il-Kbira San Ġużepp, Il-Ħamrun

Il-kawża fl-ismijiet Dr Michelle Tabone noe et vs Carlo sive Charles Fenech, rikors numru 89/2019JD, jinsab differit għall-21 ta' Ottubru, 2019, fil-11.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Ottubru, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. To hear and decide these proceedings without proceeding to trial and this in terms of Article 16A et sequitur of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. To terminate and declare dissolved the lease of flat number 5 that forms part of the block number 882, that is found in Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun because of lack of maintanance and substantial damages in the same property;

3. To order and condemn the respondent Carlo sive Charles Fenech to vacate from the same flat number 5 that forms part of block number 882 that is found in Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun and returns it free and unencumbered in favour of the applicant within a short and peremptory time that this Honourable Board deems fit.

With costs, including those of the judicial letter number 3545/2015 (Doc. A), number 2986/2016 (Doc. B) and number 1372/2018 (Doc. C), reserving any other action by the applicant against the respondent Carlo sive Charles Fenech who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicants:

Dr Michelle Tabone noe, Archbishop's Curia, Floriana

Simone de Brincat, 35, Triq San Ġwann Battista, San Pawl il-Baħar

Respondent: Carlo sive Charles Fenech, 882, Flat 5, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun

The application in the names Dr Michele Tabone noe et vs Carlos sive Charles Fenech, application number 89/2019JD, has been postponed for hearing for the 21st October, 2019, at 11.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 4th October, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1503

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-23 ta' Settembru, 2019, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2327/2019, fl-ismijiet Victor Scerri pro et noe vs David Zammit Dimech, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lill-intimat David Zammit Dimech a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 24 ta' Ġunju, 2019

By means of a decree of the 23rd September, 2019, in the records of the judicial letter number 2327/19 in the names Victor Scerri noe vs David Zammit Dimech, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent David Zammit Dimech in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 4th July, 2019

Lil David Zammit Dimech (KI 162883M), Il-Marniżi, Triq F.M. Ferretti, Birżebbuġa

Bil-preżenti Victor Scerri (KI 557361M) f'ismu proprju kif ukoll in rappreżentanza u fl-interess tad-ditta St Anthony Woodworks ta' Triq il-Fortizza, Il-Mosta, jinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa waħda mil-lum tħallsu s-somma komplessiva ta' €18,794.97 rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' xogħlijiet ta' njam, xogħol ta' għamara u bibien, u xogħlijiet oħra anċillari, esegwiti mill-mittenti favur tiegħek kollox skont struzzjonijiet tiegħek.

Fin-nuqqas ta' ħlas sħiħ fit-terminu mogħti lilek, il-mittent ser imexxi bi proċeduri ulterjuri inkluż bil-ħruġ tal-mandati kawtelatorji opportuni, sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-ħlas effettiv

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Ottubru, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

To David Zammit Dimech (ID 162883M), Il-Marniżi, Triq F.M. Ferretti, Birżebbuġa

With the present Victor Scerri (KI 557361M) in his own name and for and on behalf of the firm St Anthony Woodworks of Triq il-Fortizza, Mosta, solicits you so that within one week from today you pay the total amount of €18,794.97 representing the blance due for the woodworks, furniture and doors works and other works, executed for you and all on your instuctions.

In default of payment in the time given, the interpellant will proceed further against you, including with the issuance of the precautionary warrants, to safeguard his claim.

With costs and legal interest till the date of effective payment

Registry of the Superior Courts, today 4th October, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1504

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Settembru, 2019, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Ellul Charles (Carmelo) vs Bonnici Angela Antoinette Dorothy, Rikors Numru 12/19, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Angela Antoinette Dorothy Bonnici, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Illi permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Charles (Carmelo) Ellul (KI 143574M) vs Angela Antoinette Dorothy Bonnici (KI 13265A) fit-8 ta' Frar, 2019, ir-rikorrenti Charles (Carmelo) Ellul (KI 1434574M) espona bir-rispett:

Illi l-partijiet iżżewġu fis-sebgħa ta' Mejju tas-sena elf disa' mija ħamsa u disgħin (Dok. A);

Illi wara t-talba tal-konvenuta, it-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjocesi ta' Malta laqa' t-talba tagħha u ddikjara ż-żwieġ bejn il-partijiet null skont sentenza tat-tletin ta' April elfejn u tlettax (Dok. B);

Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet Angela Bonnici vs Charles Ellul (Prot. Nru 13/85) it-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza fi ħdan il-Konferenza Episkopali Maltija, nhar id-disgħa u għoxrin ta' Mejju, 2013, ikkonferma l-ewwel sentenza;

By means of a decree given by the Court of Appeal on the 26th September, 2019, in the records of the Application in the names Ellul Charles (Carmelo) vs Bonnici Angela Antoinette Dorothy, Application Number 12/19, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Angela Antoinette Dorothy Bonnici, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

That by means of an Application filed in the Court of Appeal in the names Charles (Carmelo) Ellul (ID 143574M) vs Angela Antoinette Dorothy Bonnici (ID 13265A) on the 8th February, 2019, the applicant Charles (Carmelo) Ellul (ID 143574M) respectfully pleaded:

That the parties were married on the seventh of May of the year one thousand nine hundred ninety-five (Doc. A);

That following the application of the defendant, The Metropolitan Tribunal of the Archdiocese of Malta upheld her application and declared the marriage between the parties null according to a judgement of the thirteeth of April, two thousand and thirteen (Doc. B);

That by means of a judgement in the names Angela Bonnici vs Charles Ellul (Prot. No. 13/85) the Regional Tribunal of Second Instance within the Maltese Episcopal Conference, on the twenty-ninth May, 2013, confirmed the first judgement;

Illi permezz ta' digriet ta' eżekuttività tat-8 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax, l-imsemmija sentenza ġiet iddikjarata kkonfermata u ċċertifikata mit-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza, bħala waħda eżekuttiva, ai termini tal-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku (Dok. D).

… omissis …

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara s-sentenza nullitatis matrimoinii tat-Tribunal Reġjonali tal-Ewwel Istanza għall-Provinċja Ekkleżjastika Maltija, kif ikkonfermata b'digriet tat-tmienja ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax, hija waħda esegwibbli f'Malta ai termini tal-Artikolu 24(5) tal-Kap. 255;

2. Konsegwentement tordna r-reġistrazzjoni tal-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet,

u dan taħt kull provvediment li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rikorrent: St Mary Farmhouse, Triq il-Madonna tad-Dawl, Ħal Kirkop

Notifika Intimata: 55, Osprey Flat 2, Triq Gerolomo Gianni, San Ġwann

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 7 ta' Ottubru, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That by means of an executive decree of the 8th October, two thousand and eighteen, the said judgement was declared and certified by the Regional Tribunal of Second Instance as an executive one, in terms of the Code of Canon Law (Doc. D).

… omissis …

Thus the interpellant humbly prays this Honourable Court:

1. To declare the judgement nullitatis matrimonii of the Regional Tribunal of First Instance for the Maltese Ecclesiastical Province, as confirmed by a decree of the eighth October of the year two thousand and eighteen as executable in Malta, in terms of Article 24(5) of Cap. 255;

2. And consequently order the registration of the same in the marriage certificate of the parties,

and this under any provision which it deems fit and opportune.

Applicant: St Mary Farmhouse, Triq il-Madonna tad-Dawl, Ħal Kirkop

Notify Respondent: 55, Osprey Flat 2, Triq Gerolamo Gianni, San Ġwann

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 7th October, 2019

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1505

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-14 ta' Mejju, 2019, fuq rikors ta' Scerri Victor (KI 557361M) pro et noe ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 19 ta' Novembru, 2019 fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.), għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Showroom mingħajr isem u mingħajr numru uffiċjali mibnija fuq plott f'kantuniera li għandha l-faċċata prinċipali li tmiss ma' Triq it-Turisti b'kejl ta' ċirka dsatax-il metru punt ħamsa (19.5m) u l-faċċata sekondarja b'kejl ta' ċirka dsatax-il metru punt tmienja (19.8m) ma' Triq it-Trill, Il-Qawra, San Pawl il-Baħar, b'aċċess dirett mill-imsemmija toroq u hija sottoposta għal blokk bl-isem Belveder Court u sovraposta garaxxijiet proprjetà ta' Chrismarmig Company Limited jew l-aventi causa tagħha, b'area superfiċjali ta' madwar ħames mija u seba' metri kwadri (507mk), mibnija

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 14th May, 2019, on the application of Scerri Victor (ID 557361M) pro et noe, Tuesday, 19th November, 2019, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction to be held in room number 78, near the Court Archives, Level -1, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

Showroom unnamed and unofficial numbered built on a corner plot to the main facade, bounded by Triq it-Turisti measuring approximately nineteen point five metres (19.5m) and a secondary facade measuring approximately nineteen point eight metres (19.8m) by Triq it-Trill, Qawra, San Pawl il-Bahar, with direct access from the said streets and is underlying the block named Belveder Court and overlying garages property of Chrismarmig Company Limited or his successors in title, with a superficial area of approximate five hundred and seven metres square (507sqm), built on a

fuq parti mill-porzjon diviża ta' art kif aħjar deskritta fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Gafà tas-sitta u għoxrin (26) ta' April, elf disa' mija disgħa u disgħin (1999), libera u franka u eżenti minn kull ħlas ta' ċens u subċens annwu u perpetwu li jista' jiggravaha, stmat li tiswa miljun u erbatax-il elf ewro (€1,014,000).

L-imsemmi blokk jikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija triq minn fejn huwa aċċessibbli, mill-Punent ma' proprjetà ta' Falzon Service Station Limited u mil-Lvant ma' Triq it-Trill.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Portelli Joseph Mary (KI 536861M), Portelli Anna (KI 371660M) u Chrismarmig Company Limited (C 23992).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 21/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 30 ta' Settembru, 2019

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

divided portion of land as described in the acts of Notary Carmel Gafà dated twenty-sixth (26th) April, one thousand nine hundred and ninety-nine (1999), free and unencumbered and exempt from any annual and perpetual ground rent and sub rent that may burden the property, valued at one million and fourteen thousand euro (€1,014,000).

The said block is bounded on the South by the said street from where it is accessible, West by property of Falzon Service Station Limited and East by Triq it-Trill.

The said tenement is the property of Portelli Joseph Mary (ID 536861M), Portelli Anna (ID 371660M) and Chrismarmig Company Limited (C 23992).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 21/2019.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 30th September, 2019

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1506

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-20 t'Awwissu, 2019, fuq rikors ta' Martinelli Marcella (KI 151575M) noe et u digriet datat 16 ta' Lulju, 2019, ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 5 ta' Novembru, 2019, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Is-sehem indiviż ta' tnejn u għoxrin minn mija u tmenin (22/180) tal-fond bin-numru mija sitta u għoxrin (126) fi Triq l-Oratorju, Bormla, irjieħ mhux magħrufa, bil-prezz minimu ta' ħmistax-il elf u tliet mitt ewro (€15,300) bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Azzopardi Nancy u lill-werrieta tal-mejjet Spiteri Andrew u b'digriet tal-ħmistax (15) ta' Ottubru, elfejn u tmintax (2018) ġew maħtura Dr Dustin Camilleri u PL Noel Scerri bħala kuraturi deputati għall-assenti u l-werrieta mhux magħrufa.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 45/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 30 ta' Settembru, 2019

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 20th August, 2019, on the application of Martinelli Marcella (ID 151575M) noe et and decree dated 16th July, 2019, Tuesday, 5th November, 2019, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in room number 78, near the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

The undivided share of twenty-two from one hundred and eighty (22/180) on tenant numbered one hundred and twenty-six (126) in Triq l-Oratorju, Bormla, unknown boundaries, starting from a minimum price of fifteen thousand and three hundred euro (€15,300) with the admission of extraneous bidders.

The said tenement is the property of Azzopardi Nancy and the heirs of the deceased Spiteri Andrew, and by decree of 15th October, two thousand eighteen (2018), Dr Dustin Camilleri and LP Noel Scerri were nominated as deputy curators for the absent and the unknown heirs.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 45/2019.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 30th September, 2019

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603